MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 12/2024 LM

**Anthony Zarb (K.I. nru. 379571M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('Id-Direttur Ġenerali appellat')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Anthony Zarb (K.I. nru. 379571M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fl-24 ta' Ġunju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-

rikorrent fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], kif ġej:

> *"Fid-dawl ta' dan l-Arbitru jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS f'dan ir-rigward qiegħda tiġi milqugħa."*

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta fit-8 ta' Ġunju, 2022 mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ir-rikorrent ġie infurmat li wara li saru investigazzjonijiet fuqu mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji, ġie konkluz li d-Direttur Ġenerali ma kienx sodisfatt li huwa ma kienx jew mhux qiegħed jaħdem, u għalhekk il-Pensjoni tal-Invalidità li huwa kien qiegħed jingħata kienet ser titwaqqaflu b'effett mill-1 t'Awwissu, 2021. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li b'riżultat ta' din id-deċiżjoni, huwa kien mistenni jħallas lura lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali l-ammont ta' sebat elef, mija u ħdax-il Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€7,111.27).

3. Fl-appell tiegħu quddiem l-Arbitru, ir-rikorrent spjega li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, ma fiha l-ebda bażi fattwali jew legali, u mhuwiex minnu li huwa ħadem jew instab li kien qiegħed jaħdem fil-perijodu li kien qiegħed jirċievi l-pensjoni tal-invalidità. Qal li kull allegazzjoni li saret f'dan ir-rigward għalhekk hija frivola, vessatorja u infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u d-Direttur Ġenerali intimat ma setax abbażi tal-provi li kellu, jikkonkludi li huwa kien qiegħed jaħdem. Ir-rikorrent qal li huwa ma kellu l-ebda kuntratt ta' impjieg, u qatt ma ingaġġa f'xi forma ta' sengħa jew negozju jew *self employment.* Spjega li meta l-ispetturi tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

għamlulu spezzjoni, huma sabuh fir-residenza tiegħu, u sabu wkoll li huwa ma kienx qiegħed jaħdem.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat ippreżenta r-rapport investigattiv li kien sar mill-uffiċjali tiegħu, minn fejn jirriżulta li saret investigazzjoni wara li kien hemm żewġ rapporti anonimi li r-rikorrent kien qiegħed jaħdem bħala bajjad u kaħħal fid-djar tan-nies, waqt li kien qiegħed jirċievi l-benefiċċji soċjali. Mill-investigazzjoni li saret fir-residenza ta' terz, identifikat bħala Emanuel Cortis, irriżulta li dan huwa ġar tar-rikorrent, li spjega lill-uffiċjali tad-Dipartiment intimat li huwa kien qal lir-rikorrent li kellu bżonn xi xogħol fid-dar tiegħu, u dan kien infurmah li kien jagħmel dan ix-xogħol. Cortis informa lill-uffiċjali tad-Dipartiment li kien għalhekk li kien qabbad lir-rikorrent sabiex jagħmel dan ix-xogħol, li sar fuq medda ta' jumejn, u r-rikorrent tħallas tiegħu. L-uffiċjali tad-Dipartiment tkellmu mar-rikorrent, li qalilhom li għall-biċċa xogħol li għamel lil Cortis huwa kien tħallas l-ammont ta' €250, iżda qalilhom ukoll li dak iż-żmien huwa ma kienx jaħdem.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2024, dan iddeċieda li d-Direttur Ġenerali intimat kellu raġun jitlob rifużjoni tal-benefiċċji li tħallsu lir-rikorrent, u li għalhekk l-appell tar-rikorrent kellu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Fatti tal-Każ*
>
> *Illi l-appellant kien suġġett għal investigazzjoni li għamlu d-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjoni. Illi jirriżulta mill-istess rapport li ġie esebit, li l-appellant*

*kien għamel xi xogħol meta huwa ma kienx suppost qiegħed jaħdem. Illi skont l-informazzjoni li kienet daħlet, l-appellant kien qiegħed jagħmilha ta' kaħħal u bajjad. Illi mill-investigazzjoni ta' dan id-dipartiment, huma tkellmu ma' diversi persuni fosthom Emanuel Cortis fejn kien ammetta magħhom li kien qabbad lill-appellant sabiex jagħmillu xi xogħol fir-residenza tiegħu fejn kien waħħal xi madum fil-ħajt fil-bitħa. Fil-fatt l-istess Emanuel Cortis kien bagħat dikjarazzjoni ta' dan il-fatt lid-dipartiment sabiex jikkonferma dak li kien sar. L-istess spetturi kellmu wkoll lill-appellant fejn kien qalilhom li huwa kien għamel dan ix-xogħol bħala ħabib u kien tħallas is-somma ta' 250 Euro. Huwa innega li kien qiegħed jaħdem.*

*Ikkunsidra*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri xehdu diversi persuni fosthom Emanuel Cortis fejn huwa qal kien kellem lill-appellant dwar ix-xogħol li xtaq jagħmel. Illi skont hu qatt ma kien ra lill-appellant fuq il-post iżda kien ikun hemm it-tifel tiegħu jagħmel dan ix-xogħol. Illi meta kien tlesta x-xogħol mar biex iħallas lill-appellant u dan irrifjuta li jieħu dawn il-flus għax dan kien sar bħala ħbiberija. Minn hemm, Emanuel Cortis għadda s-somma ta' mitejn euro sabiex jeħodhom it-tifel tiegħu minflok. Meta sar konfront bejn ix-xhud u l-ispetturi li marru fuq il-post qatt ma kien issemma li kien hemm xi terza persuna li għamlet ix-xogħol. Illi skont ma qalu l-istess spetturi Emanuel Cortis dejjem stqarr li kien l-appellant li għamel ix-xogħol u anki għamel dan permezz ta'* email*. Xehed Owen Zarb li jiġi t-tifel tal-appellant fejn qal li hu kien għamel ix-xoħgol fir-residenza ta' Emanuel Cortis u ma kienx missieru li għamel dan. Illi ġara li l-ammont li kien se jitħallas hu kien ġie miftiehem minn missieru u mhux minnu. Missieru qatt ma kien ħa flus għal dan ix-xogħol li kien għamel hu. Illi mill-affidavit ta' Anthony Zarb ikkonferma li Emanuel Cortis kien faħħar ix-xogħol li kien għamel it-tifel tiegħu meta kien waħħal il-madum li kien poġġa fil-bitħa. Il-flus li kien se jitħallas bihom Emanuel Cortis kienu ngħataw lit-tifel tiegħu.*

*Ikkunsidrat*

*Illi f'dan il-każ, l-uniku persuni li jistgħu jagħtu xi ħjiel fuq dak li ġara kien biss l-appellant u Emanuel Cortis. Illi min-naħa tal-ispetturi, huma għamlu x-xogħol tagħhom u f'dan il-każ kellhom ammissjoni min-naħa ta' Emanuel Cortis li kien qabbad lill-appellant sabiex jagħmel xi xogħol fil-bitħa tiegħu. U ta' dan kien ħallsu tax-xogħol li kien sar u min-naħa tal-appellant ukoll kien stqarr li tħallas dan l-ammont. Illi jkompli li anki l-istess Emanuel Cortis kien ikkonferma permezz ta' email li kien l-istess appellant li kien għamel ix-xogħol. Illi kien biss f'dawn il-proċeduri li biddel il-mod kif xehed li issa dan ix-xogħol kien għamlu t-tifel tal-appellant u dan kontra għal dak li kien qal fl-istess* email *li kien bagħat.*

*Illi f'dan il-każ hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq okkażjoni ta' darba li sar dan ix-xogħol. Illi bla dubju ta' xejn kien l-istess appellant li għamel dan ix-xogħol fir-residenza ta' Emanuel Cortis u mhux kif qalu meta reġgħu xehdu f'dawn il-proċeduri. Illi l-Arbitru jifhem ukoll li r-rapport oriġinali kien li l-appellant kien qiegħed jagħmel xogħol bi qliegħ iżda minn dan kollu kien irriżulta f'każ wieħed biss li huwa suġġett ta' dan l-appell. Illi minn imkien ma jirriżulta li huwa kellu impjeg x'imkien ieħor jew inkella li qiegħed jaħdem fuq l-idejn mingħajr ma jidher xejn. Illi għalhekk l-Arbitru jemmen li kien l-appellant li għamel dan ix-xogħol.*

*Fi kwalunkwe każ, l-Arbitru iqis li s-sitwazzjoni tal-appellant għandha tiġi mistħarrġa mill-ġdid mid-Direttur Ġenerali, fejn għandha ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-appellant jekk huwa l-każ sabiex jekk jinstab li huwa jista' jaħdem u għalhekk ma jkunx aktar jiddependi aktar fuq l-Istat u jkunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet opportuni f'dan ir-rigward.*

*Decide*

*Fid-dawl ta' dan l-Arbitru jiċħad l-appell u per konsegwenza d-deċiżjoni tad-DSS f'dan ir-rigward qiegħda tiġi milqugħa."*

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-1 t'Awwissu, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Ġunju, 2024, u konsegwentement tilqa' l-appell intavolat minnu, filwaqt li tiddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-8 ta' Ġunju, 2022 kienet żbaljata u bla effett, u li l-appellant m'għandu jirrifondi l-ebda ammont lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-appellant jikkontendi li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti, u għamel applikazzjoni ħażina tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta u tad-definizzjoni ta' xogħol bi qligħ.

7. L-appellant spjega li huwa beda jirċievi l-pensjoni tal-invalidità fis-sena 2017, wara li ġie ċċertifikat mit-tobba u mill-awtoritajiet li evalwaw il-każ tiegħu, u wara li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali pproċessa l-applikazzjoni tiegħu. L-

appellant qal li bħala parti mill-proċedura normali li jħaddem id-Dipartiment, it-tobba tal-istess Dipartiment reġgħu evalwaw il-każ tiegħu, u permezz ta' ittra mibgħuta lilu fi Frar tal-2022, id-Dipartiment reġa' kkonferma l-evalwazzjoni li saret oriġinarjament, jiġifieri li l-appellant huwa *'inkapaċi għal xogħol xieraq'*, u li għalhekk huwa kien ser jibqa' jirċievi l-pensjoni tal-invalidità. L-appellant qal li huwa kellu u għad għandu bżonn l-assistenza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Spjega li lejn l-aħħar ta' Lulju, bidu t'Awwissu tal-2021, huwa kien qiegħed jitkellem ma' ġar tiegħu Emanuel Cortis, li qallu li ried jagħmel xi xogħol ta' madum fil-bitħa tad-dar tiegħu, u li ma kienx jaf lil min ser iqabbad. L-appellant qal li huwa informa lil Cortis li x-xogħol seta' jagħmlu t-tifel tiegħu Owen Zarb, li dak iż-żmien kien qiegħed l-MCAST jagħmel dan it-tip ta' xogħol. L-appellant qal li wara li sar dan id-diskors, huwa flimkien ma' ibnu, mar jara x-xogħol li kien meħtieġ li jsir fil-bitħa ta' Cortis, u l-appellant kien qal lil Cortis x'tip ta' materjal kellu jixtri sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-bitħa tiegħu. L-appellant qal li Owen Zarb beda x-xogħol hekk kif il-materjal wasal għand Cortis, u huwa kien imur jara x-xogħol li kien qiegħed jagħmel it-tifel tiegħu, u wara jmur lura d-dar. Qal li wara li tlesta x-xogħol, Cortis ried iħallas lil Owen Zarb tax-xogħol li għamel, iżda dan ma riedx flus, u għalhekk Cortis kien għadda €250 lill-appellant sabiex dan iħallas lil ibnu. L-appellant qal li fl-istess żmien, kien hemm diversi kawżi kriminali bejnu u ġirien oħra tiegħu, identifikati bħala Alvin Azzopardi u Theresa Azzopardi, li kienu ġew akkużati li ffastidjaw, qagħdu għassa, spijaw, beżżgħu, allarmaw u affettwaw il-ħajja ta' kuljum tal-appellant u tal-membri tal-familja tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) tat deċiżjoni fil-5 ta' Diċembru, 2022 li permezz tagħha lliberat lil Alvin u lil Theresa Azzopardi bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena. L-appellant qal

li madwar disa' xhur wara l-allegat xogħol, fis-26 t'April, 2022, saret spezzjoni minn uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fid-dar tiegħu, u meta ħabbat il-bieb huwa kien għadu rieqed, filwaqt li ibnu Owen Zarb fetaħ il-bieb. Qal li dakinhar huwa ma tantx kien jiflaħ, u din iż-żjara kienet ħasditu. Spjega li wara li saret l-ispezzjoni, Owen Zarb ammetta mal-ispetturi li huwa kien għamel ix-xogħol għand Emanuel Cortis, u l-appellant u martu t-tnejn ikkonfermaw li l-appellant ikun rieqed id-dar fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, u mhux imur għax-xogħol. L-appellant qal li mir-rapport investigattiv ippreżentat quddiem l-Arbitru, jirriżulta li saru telefonati anonimi fejn ġie allegat li l-appellant għamel xogħol fir-residenza ta' Emanuel Cortis, u li kuljum, fil-5:30 ta' filgħodu, kienet tgħaddi karozza biex tieħu lill-appellant ix-xogħol. Qal li għal xi raġuni mhux magħrufa, permezz ta' ittra datata t-8 ta' Ġunju, 2022, id-Dipartiment infurmah li l-pensjoni tal-invalidità kienet sejra titwaqqaf, u li huwa kellu jirrifondi l-flus li rċieva bħala benefiċċji. Qal li minkejja d-diversi xhieda prodotti mill-appellant, li lkoll ikkorroboraw lil xulxin, u l-evidenza fotografika li turi lil Owen Zarb jaħdem fil-bitħa ta' Emanuel Cortis, u d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet li saru, l-appell tiegħu ġie miċħud mill-Arbitru.

8. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi mressqa quddiemu. Qal li filwaqt li din il-Qorti tal-Appell bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, dan jista' jsir biss f'każijiet eċċezzjonali u għal motivi gravi, u huwa proprju għalhekk li huwa qiegħed iressaq dan l-appell, għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru kien żbaljat u uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod manifestement ħażin. L-appellant qal li mill-atti proċesswali għandu jirriżulta li kien Owen Zarb

li għamel ix-xogħol għand Emanuel Cortis, u għalhekk għandu jirriżulta li kien hemm misrappreżentazzjoni tal-fatti kif seħħew f'dan il-każ.

9. L-appellant qal li kuntrarjament għal dak allegat, ix-xogħol ma sarx minnu iżda minn ibnu Owen, u lanqas mir-rapport investigattiv esebit, ma jirriżulta li Emanuel Cortis qal li x-xogħol fiżikament għamlu hu. L-appellant qal li Cortis qal biss li lilu "qabbdu", iżda li dan ma jfissirx li x-xogħol sar minnu. L-appellant qal li fid-deċiżjoni tal-Arbitru ma saritx distinzjoni bejn min kien il-*point of contact,* u min verament għamel ix-xogħol fiżiku fuq il-post, u filwaqt li huwa minnu li l-appellant u Cortis tkellmu dwar ix-xogħol li kellu jsir, u l-appellant ta parir lil Cortis dwar it-tip ta' materjal li kellu jixtri, il-parir ingħata bħala ħabib u ġar, għaliex bejniethom kien hemm relazzjoni tajba. Qal li kien hemm diversi xhieda li kkonfermaw ukoll li huwa ma ħa l-ebda flus għal dan ix-xogħol. L-appellant qal li għalhekk l-analiżi li saret mill-Arbitru hija waħda superfluwa u skorretta, għaliex straħet biss fuq ir-rapport tal-ispetturi tad-Dipartiment. Qal ukoll li l-Arbitru eskluda għal kollox li jaf kien hemm misinterpretazzjoni ta' dak li ngħad, u tas-semantika tal-kliem li ntuża, speċjalment in vista tax-xhieda mogħtija, u ma kien hemm l-ebda evidenza li l-appellant qiegħed jaħdem. L-appellant qal li l-fatt li huwa tkellem ma' Emanuel Cortis dwar ix-xogħol li kellu jsir, ma jfissirx li x-xogħol sar minnu. L-appellant qal li r-rapport investigattiv huwa żbaljat ukoll għaliex ix-xogħol ma kien jinvolvi l-ebda tibjid, iżda biss twaħħil ta' madum. L-appellant qal li l-Arbitru injora kompletament l-evidenza fotografika ta' ibnu waqt li kien qed jaħdem fid-dar ta' Cortis, u dan ir-ritratt, bit-*time-stamp* tad-data u l-ħin meta ttieħed, kellu jitqies mill-Arbitru bħala l-prova reġina ta' min kien li verament għamel ix-xogħol. L-appellant kompla jgħid li l-fatt li dan ir-ritratt ma ġiex muri lill-ispetturi minn Emanuel Cortis, juri li Cortis ma kienx ġie

mistoqsi dwar min kien li għamel ix-xogħlijiet. L-appellant qal li huwa qiegħed jintalab jirrifondi lura ammont sostanzjali ta' flus li rċieva f'benefiċċji abbażi ta' rapport anonimu, u dan meta l-prova li huwa kien qiegħed jaħdem bi qligħ kellha tkun waħda sostanzjali, u mhux ibbażata fuq allegata ammissjoni li saret minnu fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Qal li din il-prova ma nġabitx, u kien l-Arbitru nnifsu li rrimarka li ma kellu l-ebda prova li l-appellant kellu xi impjieg ieħor jew li dan kien qiegħed jaħdem fuq l-idejn. L-appellant qal li dak li ntqal mill-ispetturi fir-rapport investigattiv tagħhom mhuwiex prova ta' dak li verament sar, u l-ispetturi ma setgħux jgħidu b'ċertezza min kien li għamel ix-xogħol, għaliex huma ma rawx ix-xogħol isir b'għajnejhom. Qal ukoll li meta huwa ġie mistoqsi mill-ispetturi tad-Dipartiment, huwa kien taħt xokk u dak li ntqal lill-ispetturi ma ntqalx bil-ġurament. L-appellant qal li ma jistax ikun li persuna tiġi kkastigata u ddeprivata mill-għajnuna soċjali li għad għandha bżonn, kif iċċertifikat mit-tobba fi Frar tal-2022, għaliex l-ispetturi fehmu ħażin dak li ntqal lilhom u ddeċidew li jistrieħu fuq rapport anonimu li sar.

10. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li għandu jirriżulta li l-Arbitru applika d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 b'mod ħażin, u anki applika d-definizzjoni ta' xogħol bi qligħ b'mod ħażin. Qal li huwa qiegħed jirċievi l-pensjoni tal-invalidità li hija regolata bl-artikolu 26 tal-Kap. 318, li jispega r-regoli għall-intitolament għal din il-pensjoni. Qal li l-Arbitru bid-deċiżjoni tiegħu, qiegħed jikkonferma li l-appellant ma jissodisfax l-artikolu 26(1)(a) tal-Kap. 318, għaliex skont id-deċiżjoni appellata, l-appellant qiegħed f'pożizzjoni li jaħdem *full-time, part-time* jew għalih innifsu. Qal li dan ifisser li l-Arbitru m'għamilx analiżi tajba tal-artikolu 26 tal-Kap. 318 u tad-definizzjoni ta' xogħol *full-time, part-time* jew xogħol għalih innifsu. Qal li l-prova li tindika li x-xogħol sar minn

Owen Zarb, li kien avveniment ta' darba biss bejn il-ġirien, u mingħajr intenzjoni ta' xi forma ta' rimunerazzjoni, ma jistax jitqies li huwa xogħol. Qal ukoll li huwa ċertament ma jagħmel l-ebda xogħol *full-time, part-time* jew għalih innifsu, u anki l-Arbitru ikkonferma li ma sab l-ebda prova ta' dan. L-appellant saħaq li biex jiġi stabbilit li kien hemm xi forma ta' xogħol, irid ikun hemm qligħ, u f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda rimunerazzjoni kif ġie ppruvat. Qal li min-naħa l-oħra huwa għadda minn proċess ta' tobba u professjonisti mqabbda mid-Dipartiment li analizzaw is-sitwazzjoni medika tiegħu, u permezz ta' ittra tas-17 ta' Frar, 2022 ikkonfermaw li huwa baqa' inkapaċi li jaħdem. L-appellant qal li għalhekk għandu jiġi deċiż li huwa jissodisfa l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal ukoll li f'dan il-każ l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, id-Direttur Ġenerali appellat qal li bl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti tiskarta l-ammissjoni li saret *a tempo vergine* minnu stess, u minflok jaċċetta l-verżjoni kontradittorja tal-appellant u ta' Emanuel Cortis, li x-xogħol sar minn iben l-appellant. Qal li mir-rapport investigattiv maħruġ mid-Direttur Ġenerali (Frodi u Investigazzjoni dwar Benefiċċji), fis-26 t'April, 2022, jirriżulta li meta waqt l-ispezzjoni Emanuel Cortis ġie mistoqsi jekk fir-residenza tiegħu sarx xogħol minn Anthony Zarb, dan stqarr li Zarb kien offra li jaħdimlu, u din l-informazzjoni ġiet ikkonfermata minn Cortis stess permezz ta' korrispondenza elettronika li huwa bagħat lid-Dipartiment fil-25 t'April, 2022. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li Cortis ma setax jiftakar kemm kien l-ammont

imħallas minnu għal dan ix-xogħol, iżda l-appellant kien ikkonferma li kien irċieva l-ammont ta' €250 għal dan ix-xogħol. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li l-appellant biddel il-verżjoni tiegħu wara li kellu ċans jaħseb u jintebaħ b'ċerti affarijiet jew jikkonsulta ma' terzi dwar il-pożizzjoni tiegħu. Qal ukoll li għalhekk l-Arbitru kien korrett meta qies l-istqarrija mogħtija *a tempo vergine* bħala l-aktar waħda affidabbli.

12. L-appellat qal li l-valutazzjoni tal-provi trid issir fuq il-prinċipju tal-liberu konvinċiment tal-ġudikant, li għandu l-poter diskrezzjonali japprezza r-riżultanzi probatorji u li għandu jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawn il-provi li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Qal li f'dan l-eżerċizzju, il-ġudikant huwa limitat biss mill-obbligu naxxenti mill-artikolu 218 tal-Kap. 12, li jimmotiva r-raġunament tiegħu, u li meta l-motivazzjoni mogħtija tkun tikkorrispondi mal-loġika u mar-razzjonalità, din ma tistax tiġi disturbata lanqas minn qorti ta' reviżjoni. Id-Direttur Ġenerali appellat saħaq li ma jirriżultax li l-motivazzjoni mogħtija mill-Arbitru kienet b'xi mod illoġika jew manifestament żbaljata. Qal li meta din il-Qorti tiġi biex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi taħt il-profil loġiku u tal-korrettezza ġuridika, ser issib li d-deċiżjoni tal-Arbitru ivvalutat sew l-element tal-provi akkwiżiti, u tat valur prominenti lill-fatt li fil-mument tal-ispezzjoni li saret mill-ispetturi tad-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjonijiet, kemm l-appellant kif ukoll Emanuel Cortis ikkonfermaw li x-xogħol kien ġie eżegwit mill-appellant versu ħlas ta' €250. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Miriam Attard *vs.* Direttur Ġenerali tas-**

**Sigurtà Soċjali**[1], u qal li huwa jaqbel li għandu jkun hemm sistema strutturata u regolata li permezz tagħha ssir evalwazzjoni tal-bżonnijiet ta' persuni li f'xi ħin kienu jikkwalifikaw għall-għajnuna soċjali. Qal li però n-nuqqas ta' struttura bħal din ma jaħtix għaliha hu, u huwa m'għandu l-ebda kompetenza jew setgħa jirregola din is-sitwazzjoni. Qal ukoll li huwa m'għandu l-ebda għażla jekk joqgħodx fuq rapporti anonimi jew le, iżda huwa d-Direttur responsabbli mill-Frodi u mill-Investigazzjoni dwar Benefiċċji li għandu dawn is-setgħat. L-appellat qal li għalhekk m'għandix tiġi addebitata fuqu ħtija li m'għandux iġorr hu.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mill-appellant, id-Direttur Ġenerali appellat qal li dan l-aggravju mhux ibbażat fuq konsiderazzjonijiet legali iżda fuq apprezzament ta' provi li diġà ġie ttrattat ampjament fl-aggravju preċedenti, sabiex b'hekk dan l-aggravju huwa estensjoni tal-ewwel aggravju. L-appellat qal li diġà ġie stabbilit li x-xogħol fir-residenza ta' Emanuel Cortis, ġie eżegwit mhux minn iben l-appellant iżda mill-appellant innifsu, u li dan ix-xogħol sar bi ħlas. Qal li l-artikolu 26(1) tal-Kap. 318 jipprovdi li persuna għandha tkun intitolata għall-pensjoni tal-invalidità jekk tissodisfa kull wieħed mill-erba' rekwiżiti msemmija fid-diversi sub-paragrafi tiegħu, jiġifieri li (i) tkun inkapaċi għal impjieg *full-time* jew *part-time* regolari jew li taħdem għaliha nnifisha minħabba marda serja jew ħsara fiżika jew mentali għal mhux anqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha; (ii) tali inkapaċità titqies mid-Direttur Ġenerali li jaġixxi fuq parir ta' persuna waħda jew aktar li jkollha *warrant* teżerċita l-professjoni medika, li tipprojbixxi lil dik il-persuna milli jkollha impjieg *full-time* jew *part-time* regolari jew li taħdem għaliha nnifsiha; (iii) li qabel ma

[1] 12.10.2022.

seħħet l-inkapaċità tagħha kienet impjegata *full-time* jew *part-time* b'mod regolari jew taħdem għaliha nnifisha għal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar; u (iv) li fil-ġurnata li tiġi minnufih qabel it-talba tagħha għall-pensjoni tal-invalidità, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjoni rilevanti.

14. Id-Direttur Ġenerali appellat qal li għalhekk hija l-istess liġi li tesiġi li l-marda jew ħsara li biha jkun afflitt l-appellant għandha tkun waħda li tipprojbih milli jaħdem *full-time* jew *part-time* jew bħala *self-employed,* u għalhekk għandu jirriżulta li x-xogħol li huwa għamel fir-residenza ta' Emanuel Cortis jindika li l-kundizzjoni tal-appellant mhijiex waħda permanenti jew waħda li tostakolah milli jaħdem *full-time* jew *part-time* f'xogħol li huwa ddikjara li huwa kapaċi jagħmel. L-appellat qal li għalhekk l-appellant ma jistax jitqies aktar li jissodisfa r-rekwiżiti għall-intitolament għall-pensjoni tal-invalidità taħt dan l-artikolu, u għandu jirriżulta li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tal-appellant ittieħdet b'rispett għall-prinċipji ta' ekwità u ta' ġustizzja u fil-parametri tal-poter diskrezzjonali li għandu l-Arbitru, u li għalhekk id-deċiżjoni li ttieħdet hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mid-Direttur Ġenerali appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi prodotti]*

16. L-appellant qal li għandu jirriżulta li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi li ġew prodotti. Qal li huwa ilu eliġibbli għall-pensjoni tal-invalidità mis-sena 2017, wara li għadda minn proċess ta' evalwazzjonijiet mediċi minn numru ta' professjonisti, u wara li ġie deċiż li huwa inkapaċi għal xogħol xieraq. L-appellant qal li mill-provi prodotti kellu jirriżulta bl-aktar mod ampju li x-xogħol in kwistjoni ma sarx minnu iżda minn ibnu, u li sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, l-Arbitru straħ biss fuq ir-rapport investigattiv li sar mill-ispetturi tad-Dipartiment, filwaqt li injora provi oħrajn u xhieda prodotti minnu. Qal li bid-deċiżjoni tal-Arbitru, huwa ser jiġi mċaħħad minn għajnuna soċjali li għad għandu bżonnha.

17. Il-Qorti kkunsidrat l-atti u l-provi prodotti. Jirriżulta li l-appellant waqa' taħt għajnejn id-Direttorat għall-Għajnuna Finanzjarja u Investigazzjoni wara li sar rapport anonimu fil-konfront tiegħu, fejn ġie allegat li kull filgħodu huwa jmur ix-xogħol permezz ta' vettura li tgħaddi għalih fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu. Jirriżulta wkoll li fl-istess żmien meta saret din l-investigazzjoni, l-appellant kellu xi jgħid ma' ġirien tiegħu li anki tressqu l-Qorti minħabba fastidju li kienu qegħdin jagħtu lill-appellant u lil familtu. Dak li rriżulta mill-investigazzjoni li saret mill-ispetturi tad-Dipartiment, kien li l-appellant kien ta pariri lil ġar tiegħu dwar kif għandu jagħmel il-madum fil-bitħa tiegħu, u filwaqt li l-ispetturi tad-Dipartiment qegħdin jinsistu li *a tempo vergine* kemm l-appellant kif ukoll il-ġar tiegħu ammettew li x-xogħol sar mill-appellant innifsu, sussegwentement l-appellant bidel il-verżjoni u qal li x-xogħol sar minn ibnu, filwaqt li huwa ta pariri

lill-ġar dwar il-materjal li kellu jixtri biex seta’ jagħmel ix-xogħol. Fl-atti hemm esebit ukoll ritratt li juri lil iben l-appellant fid-dar ta’ Emanuel Cortis waqt li mal-ħajt jidher li kien qiegħed jitwaħħal xi madum. Lil hinn mill-prova materjali ta’ min kien li għamel ix-xogħol fid-dar ta’ Emanuel Cortis, il-Qorti tqis li kien hemm għadd ta’ punti li kellhom jiġu kkunsidrati mill-Arbitru qabel dan iddeċieda li l-appellant kien qiegħed ‘jaħdem’. Fl-ewwel lok, l-Arbitru nnifsu qal li huwa ma setax jikkonstata li l-appellant għamel xi xogħol jew aċċetta xi xogħol ieħor kemm ilu jirċievi l-għajnuna soċjali, u li għajr għal dan l-episodju partikolari ta’ biċċa xogħol fid-dar tal-ġar tiegħu, ma seta’ jirriskontra l-ebda prova li fil-fatt l-appellant għamel xi xogħol ieħor jew inkella fuq l-idejn. Minkejja dan, l-Arbitru ddeċieda li d-Direttur Ġenerali intimat kien korrett meta ddeċieda li l-għajnuna soċjali li jirċievi l-appellant għandha titwaqqaflu, u li dan għandu jirrifondi l-benefiċċji li rċieva fl-ammont ta’ sebat elef, mija u ħdax-il Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€7,111.27).

18. Il-Qorti tqis li din id-deċiżjoni tal-Arbitru la hija ekwa u lanqas ġusta. Jirriżulta li għal din il-biċċa xogħol l-appellant ma rċieva l-ebda rimunerazzjoni, għaliex ingħad li Cortis issikkah biex jaċċetta l-ammont ta’ €250 sabiex ibnu seta’ jixtri *mobile*, u dan ix-xogħol sar bi pjaċir bejn il-ġirien u mhux għaliex l-appellant kien qiegħed jippresta xi forma ta’ servizz jew sengħa li minnha jista’ jaqla’ introjtu adegwat biex ikun jista’ jgħajjex il-familja tiegħu. Għal dan kollu, l-Arbitru u d-Direttur Ġenerali appellat iddeċidew li jkun ġust u ekwu li lill-appellant titwaqqaflu l-għajnuna soċjali li numru ta’ professjonisti ddeċidew li huwa għandu jkun intitolat għaliha, filwaqt li ddeċidew ukoll li jkun ġust li dan jintalab jirrifondi aktar minn sebat elef Euro f’għajnuna soċjali li huwa rċieva tul is-snin. Din il-Qorti ppronunzjat ruħha kemm-il darba f’sentenzi li hija tat, fis-

sens lid-Direttur Ġenerali appellat għandu joqgħod ferm attent meta jagħmel spezzjoni abbażi ta' rapport anonimu li jkun sar, u li qabel jiġi deċiż li għandha titwaqqaf l-għajnuna soċjali lil xi benefiċjarju partikolari, għandu jkun hemm provi sodi dwar l-ineliġibbilità ta' dik il-persuna. Il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun jgħid li l-Arbitru m'għamilx apprezzament tajjeb tal-provi li kellu quddiemu, jew inkella li dan wasal għal konklużjoni żbaljata wara li qies il-provi, għaliex wara kollox kien l-Arbitru nnifsu li ddikjara li ma jirriżultalux li l-appellant għamel jew qiegħed jagħmel xi xogħol fuq bażi *full-time* jew *part-time* jew għal rasu. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Applikazzjoni ħażina tal-liġi u tad-definizzjoni ta' xogħol bi qligħ]*

19. L-appellant qal li għandu jirriżulta wkoll li l-Arbitru għamel interpretazzjoni ħażina tal-artikolu 26 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex mill-provi prodotti kellu jirriżulta li huwa mhuwiex kapaċi jagħmel xogħol *full-time, part-time* jew għal rasu, u li għalhekk huwa ma jista' jagħmel l-ebda xogħol bi qligħ. L-appellant qal li huwa ma kellu l-ebda pretensjoni ta' rimunerazzjoni fil-każ in eżami u għalhekk ma kellux jiġi deċiż li huwa għamel xi xogħol.

20. Il-Qorti diġà ikkonstatat li lil hinn minn min verament għamel ix-xogħol fid-dar ta' Emanuel Cortis, l-għoti ta' pariri dwar il-materjal li għandu jinxtara qabel jitwaħħal il-madum, u fl-agħar ipoteżi t-twaħħil ta' madum ma' ħajt ta' bitħa ta' ġar, li għaliha persuna ma kellha l-ebda pretensjoni ta' ħlas, iżda aktarx li saret fil-ħin u skont il-kumdità tal-persuna, u fi ġranet li ħassu f'sikktu biżżejjed

li setaʼ jmidd idejh għal biċċa xogħol bħal din, ma jistax jitqies li huwa xogħol aktar u aktar meta ma kien hemm l-ebda pretensjoni taʼ ħlas għalih. Il-konklużjoni tal-Arbitru li l-appellant mar jaħdem jew li dan jiflaħ jew jistaʼ jmur jagħmel xogħol utili, u bʼxogħol utili l-Qorti tifhem xogħol li bih l-appellant ikun jistaʼ jgħajjex il-familja tiegħu, għandha mir-redikolu, aktar u aktar meta kien l-Arbitru stess li qal li dan kien episodju taʼ darba u li ma jirriżultax bl-ebda mod li l-appellant kellu jew qatt kellu xi impjieg ieħor jew li dan qiegħed jaħdem bʼxi mod. Anki jekk jirriżulta, u fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax, li l-appellant kien hu li għamel ix-xogħol fil-bitħa taʼ Cortis, għaliex ir-ritratt esebit in atti jqajjem ċerti dubji, xorta waħda l-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-appellant kien qiegħed jagħmel xogħol bi qligħ jew li kwalsiasi kundizzjoni medika li huwa kien isofri minnha issa għaddiet, u għalhekk mʼgħadux eliġibbli għall-għajnuna li kien jingħata. Fi kwalunkwe każ huwa dejjem rakkomandabbli li kull tant żmien jerġaʼ jsir eżami permezz taʼ tobba u professjonisti tas-sitwazzjoni taʼ kull benefiċjarju tal-għajnuna soċjali, sabiex jiġi stabbilit li huwa baqaʼ inkapaċi li jaħdem. Għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqtaʼ u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tilqgħu, u għalhekk tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-24 taʼ Ġunju, 2024, tiddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tat-8 taʼ Ġunju, 2022 kienet żbaljata u bla effett, u konsegwentement li l-appellant mʼgħandux jirrifondi lura l-ebda ammont lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**